**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 07 ta' Dicembru, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 180/2020 AF**

**Francis Xavier Galea**

**vs**

**Avukat Generali**

**u fil-verbal tal-11 ta' Ottubru 2021, il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-okkju fejn ghandu jaqra "Avukat tal-Istat" minflok "Avukat Generali"**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur Francis Xavier Galea, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Fil-5 ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) merkanzija bl-airway li kienet waslet Malta minn Dubai permezz ta’ titjira EK107 tal-kumpanija tal-ajru Emirates. Il-kumpannija Cargo Handling kienet intalbet sabiex taghmel ricerka fir-rigward tal-imsemmija merkanzija u taghmel dikjarazzjoni taghha ghall-finijiet ta' Dwana. Peress illi, fil-manifest provdut minn barra kien indikat illi l-konsenja mertu tal-kaz kienet tikkonsisti fi hdax (11)-il bicca DVD u *hifi*, id-dikjarazzjoni saret fuq tali manifest.

Minn spezzjoni li ghamlu l-uffiċjali tad-Dwana sabiex tigi vverifikata l-merkanzija rrizulta li ghalkemm kien hemm hdax (11)-il bundle ghaxra minnhom irrizulta li kienu sigaretti u *pallet* wiehed biss kien fil-fatt jikkonsisti f’merkanzija ta’ DVD’s u telefons.

Meta gie mitkellem l-imputat minghajr ma inghata d-dritt illi jikkonsulta ma’ avukat tal-fiducja tieghu stqarr li din il-konsenja kienet ghar-re-esportazzjoni u li kien naqas li jiddikjara s-sigaretti peress li beza’ li kieku ghamel hekk dawna kienu jinsterqu. Illi sussegwentement l-imputat gie mressaq il-Qorti akkużat b’diversi akkuzi.

Permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar is-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016), fl-ismijiet Il-Pulizija vs Francis Xavier Galea, il-Qorti tal-Magistrati, wara li rat l-akkużi u l-artikoli relatati maghhom u l-provi kollha li kellha quddiemha ddikjarat lil Francis Xavier Galea hati tal-ewwel [u cioè illi fil-kapacità tieghu ta’ importatur xjentement ghamel dikjarazzjoni jew issottometta informazzjoni falza fir-rigward tal-merkanzija imsemmija fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana] u t-tielet imputazzjoni [u cioè illi fil-kapacità tieghu ta’ importatur xjentement ghamel dikjarazzjoni jew issottometta informazzjoni falza fir-rigward tal-merkanzija imsemmija fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur

Mizjud] u lliberatu mit-tieni u r-raba' imputazzjoni rispettivament fejn ikkundannatu sentejn prigunerija li ai termini tal-artikolu 28A gew sospizi ghall-erba' snin kif ukoll multa ta' tnejn u erbghin elf Ewro (€42,000) li terz minnha gew meqjusa bhala dejn civili dovut lid-Dipartiment tad Dwana. Il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tas-sigaretti u l-oggetti l-ohra.

Kemm l-esponenti kif ukoll l-Avukat Generali appellaw minn din is-sentenza fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' sentenza datata tletin (30) ta' Lulju tas-sena 2019 cahdet l-appell tal-esponenti izda laqghet l-appell tal-Avukat Generali u b'hekk irriformat is-sentenza appellata billi ikkonfermata f'dik il-parti li biha sabet lil Francis Xavier Galea ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni u kkundannatu sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali għandhom jibqgħu sospizi għal perjodu ta' erba' (4) snin mid-data tas-sentenza, ukoll kwantu dik il-parti li biha ordnat il-konfiska tas-sigaretti u l-oggetti l-oħra izda hassritha f'dik il-parti li biha kkundannatu għall-multa ta' tnejn u erbgħin elf ewro (€42,000) u minflok ikkundannatu ghall-piena ta' mitejn u ħamest elef, tlett mija u ħamsa u sebgħin ewro u tmien centezmi (€205,375.08) b'terz ta' dan l-ammont, igifieri tmienja u sittin elf, erba' mija tmienja u ħamsin ewro u sitta u tletin centezmi (€68,458.36) għandu jitqies bħala dejn civili u jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana u dan ai termini tal-Artikoli 18 u 62 tal- Kap. 37 u l-Artikolu 16 tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta.

## <u>Ilmenti Kostituzzjonali</u>

### 1) Dritt tal-Assistenza Legali

Jigi rilevat illi fil-kaz odjern illi sehh nhar il-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), l-esponenti kien irrilaxxa diversi dikjarazzjonijiet kemm lill-Ufficjal tal-Cargo Section tad-Dwana [Frans Stellini] u anke lill-Ispettur Doganoli [Carmel Farrugia] liema dikjarazzjonijiet gew rilaxxati mill-esponenti minghajr ma nghata d-dritt ghall-assistenza legali u minghajr ma nghata d-drittijiet naxxenti mir-*rule of disclosure* peress illi l-ligi Maltija dak iz-zmien ma kienitx tipprovdi ghad-dritt tal-assistenza legali f'ebda hin tal-investigazzjoni, arrest,

qabel jew matul l-interrogazzjoni.  Inoltre l-esponenti ghazel illi jixhed fil-proceduri kriminali u fix-xhieda guramentata tieghu nhar is-sebgha (7) ta’ Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) quddiem l-Ewwel Qorti saret referenza ghal dikjarazzjonijiet minnu maghmula waqt li kien mitkellem mill-Ufficjali tad-Dwana u ghalhekk l-istess dikjarazzjonijiet mehuda b’mod leziv ikkundizzjonaw ukoll l-andament u l-prosegwiment tax-xhieda guramentata tieghu u t-totalità tal-proceduri kriminali.

Inoltre jigi rilevat illi l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha rriteniet illi:

> *“Minn xhieda ta' Frans Stellini (folio 14 et seq). ufficial fil-'Cargo Section tad-Dwana' u Carmel Farrugia, Spettur doganali, jintrapella li l-konsenja sigaretti ma kienitx imnizzla u indikata fl-'airway bill’ diversament ghal DVDs, hi-fi u telefons li kienu debitament indikati. Skond l-imsemmija xhieda l-imputat kien ammetta li kien naqas li jiddikjara s-sigaretti 'minhabba li kien beza li kienu jinsterqu'.”*

*Di più* jigi rilevat illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha baqghet siekta rigward l-ammissibilità o meno ta’ dak li ntqal mill-imputat u ghalhekk l-esponent ma jafx jekk eventwalment il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sejbien tal-htija tieghu strahitx fuq dak li ntqal minnu jew le liema dikjarazzjonijiet gew rilaxxati mill-imputat minghajr assistenza legali.

Ghaldaqstant jirrizulta ampjament car illi f’dan il-kaz, din id-dikjarazzjoni kienet prova kardinali anke peress illi l-istess dikjarazzjoni giet uzata meta gie biex jixhed l-esponenti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u ghalhekk ikkundizzjonat il-kumplament tal-prosegwiment tal-proceduri kriminali.

Inoltre fiz-zmien illi xehed l-esponenti u cioè nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) l-Qrati Maltin ma kienux ghadhom irrikonoxxew il-pozizzjoni mehudha mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza **Salduz vs. Turkey** deciza nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008).  Kien biss sentejn wara illi xehed l-esponenti fil-proceduri kriminali illi l-

Qrati Maltin irritenew illi stqarrija mehudha minghajr l-assistenza legali hija leziva ghad-drittijiet fundamentali tal-Bniedem.

Ghalhekk peress illi l-Ligi fiz-zmien illi fih l-esponent gie investigat ma kienitx tipprovdi ghad-dritt tal-assistenza legali f'ebda hin, qabel jew matul l-investigazzjoni kif ukoll ma kienitx tippermetti li l-persuna investigata access tal-*file* tal-Pulizija (*rule of disclosure)* u dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-esponent ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

L-eskluzjoni totali ta' avukat tal-fiducja tal-esponenti mill-istadju tal-investigazzjoni, huwa leziv tad-drittijijet fundamentali tieghu ghall-smiegh xieraq u kienet ta' pregudizzju kbir ghall-esponenti.

Id-dritt tal-assistenza legali ghall-persuni suspettati waqt l-investigazzjoni, bhala aspett tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem gie stabbilit permezz ta' gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem liema dritt gie ritenut illi jigi miksur anke jekk il-persuna suspettata u investigata tibqa' siekta tul il-kors kollu tal-arrest taghha.

Fil-kaz **<u>Salduz vs. Turkey</u>** deciz fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008):

> *"In order for the right to a fair trial to remain sufficiently `practical and effective'..., Art 6 S 1 [of the Convention] requires that as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6...The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during*

*police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction." (S55)*

Inoltre l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **<u>Dayanan v. Turkey</u> (13.10.2009 (II))** irriteniet is-segwenti:

> *"As emerges from the generally recognized international norms, which the Court accepts and which complement its case-law, a suspect must be afforded assistance by a lawyer as soon as he has been deprived of his liberty, whether or not he is to undergo interrogations.*
>
> *…*
>
> *In the instant case it is not disputed that the applicant was not assisted by a lawyer when he was in custody, as such assistance was not allowed by the law in force at the relevant time.* ***In itself, such a systematic restriction based on relevant statutory provisions warrants the conclusion that the requirements of Article 6 have not been met, irrespective of the fact that the applicant remained silent throughout his custody."***

Inoltre il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza **<u>Pischalnikov v. Russia</u>** deciza fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) spjegat fid-dettal il-funzjonijiet varji u teknici tal-avukat fl-istadju tal-investigazzjoni:

> *"Having been denied legal assistance, the applicant was unable to make the correct assessment of the consequences his decision to confess would have on the outcome of the criminal case …* ***<u>In the absence of assistance by counsel, who could have provided legal advice and technical skills, the applicant could not make full and knowledgeable use of his rights afforded by the criminal procedural law.."</u>***

L-istess principji intqalu mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza **<u>Plonka vs. Poland</u>** deciza fil-wiehed u tletin ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009):

*"The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial (Poitrimol v. France, 23 November 1993, § 34, Series A no. 277-A, and Demebukov v. Bulgaria, no. 68020/01, § 50, 28 February 2008).*

*The Grand Chamber has recently stressed that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule,* ***access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police,*** *unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (seeSalduz v. Turkey [GC], no. 36291/02, § 55, 27 November 2008).*

*In view of the circumstances the guarantee of fairness enshrined in Article 6 required that the applicant had the benefit of the assistance of a lawyer from the very first stage of police questioning. In this regard, it is not for the Court to speculate on what the applicant's reaction or her lawyer's advice would have been had she had access to a lawyer at the initial stage of the proceedings (see Salduz, cited above, § 58).*

*The Court considers that in the present case the applicant was undoubtedly directly affected by the lack of access to a lawyer during her questioning by the police. Neither the assistance provided subsequently by a lawyer or the adversarial nature of the ensuing proceedings could cure the defects which had occurred during the police custody.*

*The foregoing considerations are sufficient to enable the Court to conclude that there has been a breach of Article 6 § 1 of the Convention in conjunction with Article 6 § 3 (c). Having regard to this finding, the Government's preliminary objection must be rejected."*

Ghaldaqstant jirrizulta car u inekwivoku mill-gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi tali ksur jissussisti awtomatikament mic-cahda tal-access tal-assistenza legali lill-persuna suspettata u dan indipendentement mic-cirkostanzi, karattru, antecedenti, vulnerabbilità o meno, tal-persuna investigata (Salduz vs Turkey; Brusco vs. France; Panovits vs. Cyprus; Pischalnikov vs Russia; Dayanan vs Turkey; Plonka vs. Poland; Pavlenko vs. Russia; Boz vs Turkey; Demirkaya vs Turkey).

F'Malta l-Qorti Kostituzzjonali wkoll sabet ksur tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq fis-sentenzi **Pulizija vs Alvin Privitera** u **Pulizija vs. Esron Pullicino**.

Fil-fatt, fil-kaz **Il-Pulizija vs. Alvin Privitera** deciza fil-hdax (11) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011), il-Qorti Kostituzzjonali sahqet illi:

*"Il-Qorti tikkonkludi li fil-kaz odjern kien hemm lezjoni taddritt tal-appellant ghal smigh xieraq kif sancit fl-Artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja meta huwa ma nghatax l-assistenza legali. Din il-Qorti hi tal-fehma li d-dritt li persuna arrestata tigi assistita minn avukat ghandu jinghata fil-bidunett talinvestigazzjoni u qabel ma dik il-persuna tirrilaxxja stqarrija."*

L-istess Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Il-Pulizija vs. Esron Pullicino** deciza fit-tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011) irriteniet illi:

*"Ghalhekk, skont il-Qorti ta' Strasbourg, ir-regola hija li akkuzat ghandu jkollu access ghall-avukat fl-istadju bikri tal-investigazzjoni.*

*...*

*Din il-Qorti tirrileva li r-raguni li l-Qorti Ewropeja tinsisti fuq id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali talinvestigazzjoni hija minhabba l-principju li hadd m'ghandu jinkrimina ruhu kif ukoll biex jinzamm bilanc bejn iddrittijiet tal-akkuzat u dawk tal-prosekuzzjoni."*

Izda l-Qrati Kostituzzjonali ma baqghux isegwu l-pronunzjament kemm tal-Qorti Ewropea kif ukoll is-sentenza precedenti ta' Esron Pullicino u Alvin Privitiera. Fil-fatt, nonostante illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem b'diversi sentenzi rriteniet illi n-nuqqas wahdu ta' assistenza legali jikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta b'diversi sentenzi bdiet tinterpreta d-dritt ghall-assistenza legali b'mod iktar restrittiv fejn sahqet ghall-htiega ta' elementi ohra fosthom vulnerabbilità tal-interrogat u l-karattru antecedenti tieghu.

Izda l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem b'sentenza fl-ismijiet **Mario Borg vs. Malta** datata tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) sabet lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem senjatament dawk taht l-Artikolu 6 (1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea. F'dan ir-rigward il-Qorti rriteniet illi d-dritt tal-assistenza legali ghandha tkun ir-regola generali u tali dritt ghandu jinghata mill-istadju inizjali tal-investigazzjoni salv f'cirkustanzi eccezzjonali. Kompliet ittenni li d-dritt tad-Difiza jkun ippregudikat meta persuna taht invesitgazzjoni taghti stqarrija fejn tinkrimina lilha nnifisha minghajr ma tkun inghatat id-dritt illi tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja taghha. Inoltre, l-istess Qorti rriteniet illi c-cahda sistematika ta' dan id-dritt huwa leziv tal-Artikolu 6 u cioè dak ghal smiegh xieraq. Fil-fatt, l-istess Qorti sahqet illi:

*"(i) General principles*

*56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of*

*serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*(ii) Application to the present case*
*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and*

*Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention."*

Addirittura fil-"consenting opinion" tieghu l-Imhallef Pinto De Albuquerque qal illi l-interpretazzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta kienet qed taghti ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea ta' Salduz, fi proceduri simili ghal tal-protestant, kienet tammonta ghal "breach of the "constitutional instrument of European public order" and its "peremptory character". Aktar minn hekk, l-istess Imhallef sahaq illi "*In other words, the Government is claiming that Salduz did not posit a principle of law and therefore national*

*courts may depart from it when the facts of a case are not exactly the same as those in Salduz. This view not only downgrades Salduz to the rank of a strictly fact-sensitive understatement by the Grand Chamber, but, worse still, reflects a wrong and worrying methodological perspective on the Court's role and the legal force of its judgments.*

Finalment jinghad li l-istess consenting opinion tkompli tikkontradici l-posizzjoni li hadet il-Qorti Kostituzzjonali fl-interpretazzjoni ta' dan id-dritt fundamentali. Fil-fatt l-istess opinjoni tghid hekk:

> *"In spite of the crystal-clear course taken by the Court towards reinforcing the right to legal assistance for defendants from the very beginning of the investigation and particularly when in police custody or during police questioning, the Constitutional Court of Malta chose to contradict the letter and the spirit of the Grand Chamber's judgment, introducing a broadly formulated caveat to its applicability: the vulnerability of the defendant. No plausible grounds were given for this radical change from the same Constitutional Court's prior case-law, which had specifically denied the "decisive" role of the age or vulnerability factor in the determination of the Salduz right to legal assistance. Worse still, no specifics were provided as to the relevant characteristics of vulnerable persons. On this fragile legal basis, the impact of the Grand Chamber case-law was, in practical terms, limited to "exceptional" cases."*

Ghalhekk sentenzi sussegwenti tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u anke tal-Qorti Kostituzzjonali segwew il-pozizzjoni mehuda ta' Mario Borg fejn fost l-ohrajn fis-sentenza **Malcolm Said vs. Avukat Generali** datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) **filwaqt illi ghamlet referenza ghas-sentenza ta' Mario Borg vs Malta surreferita sahqet illi:**

> *"17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-*

*prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan laħħar mill-Qorti Ewropea.*

*18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq linterpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.*

*19. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu flintier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.*

*20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li lproċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.*

*21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' Dimech il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.*

*22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu listqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra lattur, ma hijiex sejra tħassar l-*

*ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija talistqarrija mill-inkartament tal-proċess. Għalhekk ukoll (bla ħsara għal dak li sejjer jingħad dwar dewmien) ma huwiex il-każ li l-attur jingħata rimedju ulterjuri fil-forma ta' kumpens monetarju, u l-qorti sejra tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ikkundannat lillkonvenuti jħallsu lill-attur elfejn u ħames mitt euro (€2,500) bħala kumpens għat-teħid tal-istqarrija."*

Din is-sentenza giet konfermata b'diversi sentenzi ohra tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom Aaron Cassar vs. Avukat Generali et datata hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Generali et datata tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016).

Sahansitra anke l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor** datata l-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) sahqet illi:

***"10.** In the present case, respondent Onyeabor was interrogated by the Police without having been granted access to a lawyer – notwithstanding his request for a lawyer, which was denied and this as at the time there was "a systemic restriction applicable to all accused persons". Respondent thus made a statement on the 4th February 2008 without such legal assistance.*

*…*

***12.** Nor has appellant Attorney General adduced any "compelling reasons" which may have justified denying respondent Onyeabor access to a lawyer at the interrogation stage.*

***13.** While the statement in question of the accused has not been shown to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement as laid down in article 658 of the Criminal Code, nevertheless, for the reasons stated above, the denial of the right to legal assistance at the pre-trial*

*stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.*

***14.*** *For these reasons the Attorney General's appeal requesting the reversal of that part of the judgement delivered by the Criminal Court on the 17th March 2016 in the names* ***The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor*** *whereby that Court upheld the first preliminary plea and declared the statement released by the accused as inadmissible, is denied and judgement is confirmed. Orders that the record be remitted to the Criminal Court for the continuation of proceedings against the said Chukwudi Samuel Onyeabor."*

Inoltre fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Camilleri** deciza fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016), il-Qorti filwaqt li ghamlet referenza ghal diversi sentenzi (hawn fuq ikkwotati) sahqet is-segwenti:

*Illi d-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja gie estiz mill-gurisprudenza ewropeja mhux biss ghal jedd li ghalih hija intitolata l-persuna akkuzata matul il-proceduri penali fil-qorti izda ukoll ghal hekk imsejjah pre-trial stage u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Dina l-fehma ghalhekk tfisser illi l-artikolu 6(3)(c) li jipprovdi dwar l-assientenza legali ghandu isib applikazzjoni anke fl-istadju ta'linterrogazzjoni tal-persuna suspettata. Dana ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema penali taghna illi persuna ghandha titqies li hija innocenti sakemm ma tigix misjuba hatja minn qorti gudizzjarja. Kwindi hija ghandha dritt illi ma tinkriminax ruhha bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali ta'l-interrogazzjoni. Sabiex dana id-dritt jigi salvagwardjat ghalhekk kull persuna ghandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-ahjar pozizzjoni illi thejji d-difiza taghha. Dana huwa vitali billi fis-sistema penali taghna il-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali, madanakollu kienet recentement ziedet linji gwida ohra ghal gudikant li ikollu f'idejh id-decizjoni dwar jekk ghandux jiehu kont ta' stqarrija tal-interrogat bhala prova in atti sabiex jasal ghal gudizzju tieghu. Gie deciz illi fuq kollox ghandu jittiehed kont tal-fattispecje ta' kull kaz fost ohrajn il-vulnerabbilita tal-persuna li tkun qed tigi interrogata (fosthom l-eta, il-precedenti penali) l-jedd li lpersuna interrogata kellha biex tibqa' siekta u ma twegibx ghal dawk il-mitoqsijiet li jistghu jinkriminawh, l-inattivita da parti ta'l-akkuzat milli jipprova jattakka l-validita ta'l-istqarrija tieghu mill-bidunett tal-proceduri, l-provi l-ohra li hemm fl-atti, fost ohrajn.*

*...*

*Maghdud dan allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma'l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta'l-avukat matul linterrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6(3) u dan ghaliex ma kienx*

*ikkonsulta ma avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.*
*...*
*Illi dan l-Ewwel Qorti ma setatx taghmlu u allura din il-Qorti ser tilqa' dan l-aggravvju imressaq 'il quddiem mill-appellanti u ghalhekk ser tiskarta l-istqarrija ta'l-appellanti rilaxxjata fis-17 ta' April 2002 bhala prova u dan fid-dawl tad-decizjonijiet hawn fuq iccitati.*

**Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Claire Farrugia deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn intqal hekk:**

*Filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dawn il-kunsiderazzjonijiet, dak li ghandha quddiemha din il-Qorti permezz tal-appell prezentat mill-appellanta jirrigwarda l- inammissibilta' tal-istqarrijiet peress li ttiehdu minghajr ma l-appellanta kellha d- dritt li jkollha prezenti l-avukat maghha u dan skont l-appellanta jikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghha senjatament id-drittijiet tal-appellanta ghal smiegh xieraq kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Ghalhekk jirrizulta li dan l-ewwel aggravju m'huwiex imsejjes fuq dak li l-Qorti ddeciediet u fuq dak sottomess quddiem l-Ewwel Qorti izda l-ewwel l-aggravju fl- appell jirrigwarda l-fatt li fiz-zmien meta ttiehdu z-zewg stqarrijiet, il-ligi ma kinitx tiprovdi ghad-dritt li persuna tkun assistita waqt l-ghoti tal-istqarrija. In linea tal- izvillup gurisprudenzjali tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tat- trasposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/EU fil-ligi Maltija, kull persuna ghandha dritt li tkun assistita mill-bidu nett tal-investigazzjonijiet u ghalhekk anke waqt l-ghoti tal-istqarrija. Il-legislazzjoni Sussidjarja 9.24 tiprovdi ghal Regolamenti dwar il- procedura waqt l-interrogazzjoni ta' persuni suspettati u persuni akkuzati bl-Avviz Legali 102 tal-2017.*

*Jirrizulta li l-appellanta kienet hi stess li rrifjutat id-dritt li tikkonsulta ma' Avukat qabel l-ghoti tal-istqarrijiet kif anke jirrizulta mit-twissija li tidher a fol 28 li taqra:*

*'Twissija moghtija mill-Ispettur Spiridione Zammit fil-presenza ta' WP167 J. Grech li m'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jingib bi prova, wara li gejt moghti d-dritt li stajt tikkonsulta jew tigi assisti mill-Avukat jew prokuratur Legal tal-fiducja tieghek u int ghazilt li ma tixtieqx tikkonsulta jew tigi assistit.'*

*Il-kliem uzati f'dik it-twissija hija 'int ghazilt li ma tixtieqx tikkonsulta jew tigi assistit', ma jirrizultax jekk il-kliem 'tigi assistit' jirreferix ghal qabel l-istqarrija jew matul. Madankollu tenut kont tal-fatt li l-ligi fiz-zmien li l-appellanta ghamlet iz-zewg stqarrijiet ma kinitx tiprovdi d-dritt li tkun assistita waqt it-tehid tal-istqarrija jikkonferma li l-kliem 'tigi assistit' f'dik it-twissija qieghed jirreferi ghal qabel l-ghoti tal-istqarrija. Din il-Qorti tikkunsidra wkoll li l-fatt li l-appellanta irrifjutat id-dritt li tikkonsulta ma Avukat qabel l-istqarrija kif kellha kull dritt li taghmel, ma jfissirx li hi kienet ser tirrifjuta li tkun assistita matul l-interrogazzjonijiet li kieku kellha d- dritt. Ghalhekk din il-Qorti, kuntrarjament ghal dak li stqar l-Avukat Generali fin- nota tieghu ma tistax tintepreta' r-rinunzja tal-appellanta milli tikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija bhala rinunzja tacita ghad-dritt li jkun hemm prezenza ta' Avukat waqt it-tehid tal-istqarrijiet u dan stante li fiz-zmien tat-tehid tal-istqarrijiet, il-ligi ma kinitx tipprovdi ghal dan id-dritt u ghalhekk l-appellanta ma kellha l-ebda ghazla x'taghmel rigwardanti l-prezenza o meno ta' Avukat waqt l-interrogatorju.*

*Tenut kont ta' dan, din il-Qorti sabiex ma jigux lezi d-drittijiet tal-appellanta sejra tiskarta iz-zewg stqarrijiet maghmulha mill-appellanta u tiddikjarahom inammissibli.*

F’kaz izjed ricenti deciz mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta’ Settembru 2019, fl-ismijiet **Graziella Attard vs Avukat**

**Generali**, f'liema kaz il-posizzjoni legali fit-teħid ta' stqarrija kienet dik adoperata qabel l-10 ta' Frar 2010 u għalhekk qabel gie fis-seħħ id-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, wara li rreferiet ukoll għall-każ **ta' Beuze v. Belgium**, l-istess Qorti kkonkludiet illi:

> *"10. Madanakollu, billi c-cirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eccezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tigi" izda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tigi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Gunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Generali,* ***illi ma jkunx għaqli*** *– partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliggenti li ħadet fil-kaz ta' Borg u f'dak ta' Beuze –* ***illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attrici lill-pulizija*** *għaliex tqis illi, fic-cirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' pregudizzju għall-attrici, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat." [enfasi ta' din il-Qorti].*

Fl-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet ukoll is-segwenti:

> *"18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal-integrità tal-process u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jigrix l- process kontra l-attrici jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' ingustizzja għax il-ligijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.*
>
> *19. Il-qorti għalhekk terga' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir uzu mill- istqarrija waqt il-proċess kriminali ...".*

Ir-rikorrenti qed iqis ukoll illi ricenti fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Jannar 2020 fl- ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Polidano, Michael Mercieca, *Omissis***, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet rassenja tal-gurisprudenza l-izjed ricenti, kemm tal-Qrati Maltin kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar din ilkwistjoni u rrikonixxiet illi kien hemm tibdil sostanzjali fid-decizjonijiet mogħtija mill-Qorti Ewropea dwar dan il-punt. Il-Qorti għamlet referenza għal **Beuze v. Belgium**, kif ukoll għas-sentenzi tal-Qrati Maltin li rreferew għal din id-decizjoni, fosthom **Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar** tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti straħet fuq l-istqarrija tal-imputat, abbinata ma' provi oħrajn, minkejja li l-imputat ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu, fil-waqt illi kien ingħata l-jedd għall-parir legali qabel tali interrogatorju, **Paul Anthony Caruana vs Avukat Generali et** fuq citata, kif ukoll **Stephen Pirotta vs Avukat Generali et** tas-27 ta' Settembru, 2019 fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet li r-rikorrenti ma garrab ebda ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq bil-fatt illi ma kienx ingħata l- għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni tiegħu u dan wara li kkunsidrat illi:

> *"Fil-kaz tal-lum ma jista' jkun hemm ebda dell ta' dubju li l-attur kien ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu, kif wara kollox għarfet l- ewwel qorti stess. L-ewwel qorti għarfet ukoll illi l-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali waslu għall-konkluzjoni tal-ħtija tal-attur bis-saħħa ta' xiehda oħra barra l-istqarrija tiegħu. Meqjus il-process kriminali fl-intier tiegħu, ma jistax jingħad illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq: kellu għarfien tal-provi kollha mressqa kontrih u ma ntweriex li nzamm mistur xi tagħrif li kellha l-pulizija; kellu għajnuna ta' avukat waqt il-process quddiem il-qorti; kellu fakoltà jressaq xhieda u jagħmel konto-ezami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab ħati bis-saħħa ta' xiehda oggettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tiegħu, rabtitu mal-incident u ma setgħetx tħalli dubju dwar il-ħtija tiegħu."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet ukoll għas-sentenza mogħtija ricentement fl-ismijiet **Farrugia vs. Malta**, reza finali fis-7 ta' Ottubru 2019, mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li wkoll ikkonfermat il-posizzjoni li ttieħdet fil-kaz ta' Beuze u kompliet hekk:

*"Illi l-izvillup fl-interpretazzjonijiet dwar il-jedd ta' smiegh xieraq kif moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom fis sentenzi sucitati fl-ismijiet 'Beuze vs Belgium' moghtija mill-Grand Chamber u s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl- ismijiet 'Farrugia vs. Malta' gia gie rifless fil-pozizzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali u l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) qeghdin jiehdu meta jikkunsidraw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq. Jirrizulta li hemm zvillup fis-sens li l-fatt li stqarrija tkun ittiehdet minghajr il-prezenza tal-Avukat skont dawn l-ahhar sentenzi mhumiex awtomatikament jigu kkunsidrati bhala li jiksru d-dritt ghal smiegh xieraq izda li qieghed jittiehed kont tal-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi determinat jekk kienx hemm lezzjoni o meno tad-dritt ghal smiegh xieraq."*

Fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Carmel Polidano et** imbagħad, il-Qorti tal- Appell Kriminali kkonkludiet illi:

*"Din il-Qorti temfasizza li d-dritt li suspettat ikollu Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni mhijiex limitata ghal persuni kkunsidrati vulnerabbli. Anke persuni li kellhom diversi kundanni precedenti kontra taghhom u li ghalhekk huma intizi fil-mod ta' kif jittiehdu l- interogazzjonijiet kif ukoll persuni li l-Avukat Generali jirreferi ghalihom bhala b'esperjenza f'varji oqsma tan-negozju ukoll ghandhom dritt li jkollhom Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni. Il-ligi ma tiddistingwix bejn persuna u ohra. Huwa d-dritt ta' kull persuna li jkun assistit minn Avukat anke matul l-interrogazzjoni. Mhuwiex kontestat li fiz-zmien li ttiehdu l-istqarrijiet kif ukoll ix-xhieda ta' uhud mill-akkuzati quddiem l-espert Vincent E. Ciliberti fl-istadju tal-inkjesta, l-ligi ma kinitx taghti jedd lil suspettati biex ikollhom Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Biss pero' issa li l-ligi tipprovdi ghal dan id-dritt, huwa rikonoxxut u accettat li d-dritt ghal smiegh xieraq ghandu jigi rispettat minn stadju bikri tal-investigazzjoni.*

*Din il-Qorti filwaqt li tirrikonoxxi li kien hemm zvilupp sinifikattiv f'dawn l-ahhar xhur, fejn il-Qrati qeghdin iharsu*

*lejn il-proceduri fit- totalita' taghhom sabiex jigi deciz jekk kienx hemm lezzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, din il-Qorti tissotolinea li bl-ebda mod ma hemm uniformita' fil-kunsiderazzjonijiet u decizjonijiet tal-Qrati dwar jekk stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mehuda matul l-investigazzjoni minghajr id- dritt tal-prezenta tal-Avukat jilledux id-dritt ghal smiegh xieraq. Din il- Qorti ma ghandha l-ebda kompetenza biex tiddeciedi dwar lezjoni o meno ta' dritt fundamentali izda trid tiddeciedi biss jekk ghandhiex tiehu in konjizzjoni stqarrijiet u dikjarazzjonijiet ohra fl-istadju tal-investigazzjoni minghajr id-dritt li suspettati jkunu assistiti minn Avukat. Din il-Qorti ghalhekk tqis li gialadarba qieghdin fi stadju ta' revizjoni, filwaqt li bl- ebda mod ma hija tiddikjara li sehh xi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq, tiddeciedi li sabiex ma jkunx hemm ir-riskju ta' xi ksur, kwalunkwe dikjarazzjoni, stqarrija jew xhieda moghtija mill-imputati Carmel Polidano, Michael Mercieca u Muhammad Saleem fl-istadju tal- investigazzjoni u l-inkjesta minghajr il-prezenza tal-Avukat bhala inammissibli."*

Ghalhekk id-dikjarazzjoni maghmula mill-esponenti inghataw fi zmien meta huwa ma setax jikkonsulta mal-avukat tal-ghazla tieghu u ghalhekk ma setax jigi spjegat lilu l-konsegwenzi ta' dak li kien qieghed jghid. Ghaldaqstant il-fatt illi dawn id-dikarazzjonijiet gew ammessi fil-proceduri kriminali u l-fatt illi l-esponenti ma inghatax access ghal file tal-Pulizija (*rule of disclosure)* ikkundizzjona b'mod negattiv l-andament, il-procediment u l-ezitu tal-proceduri quddiem il-Qrati Kriminali.

## 2) Il-Funzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali

Iinoltre l-esponenti ma inghatax smigh xieraq stante illi hija l-prassi fil-Qrati tal-Appell illi jillimitaw il-funzjoni taghhom stess ghal wahda ta' review u dan iwassal ghal nuqqas ta' smigh xieraq b'mod specjali fin-nuqqas, fissistema legali ta' Malta, tat-tielet grad ta' revizjoni fil-forma ta' Qorti Suprema jew revizjoni ekwivalenti.

Specjalment f'kazijiet ta' reati fejn hemm latitudni ta' piena mill-aktar wiesgha, mhuwiex sufficjenti illi l-Onorabbli Qorti tal-

Appell tezamina biss jekk il-piena hijiex fil-parametri (esageratament wesghin) tal-Ligi, stante illi tenut kont tal-istess latitudni ta’ piena, anke piena entro l-parametri mhux necessarjament tfisser piena gusta ghall kaz u dan bi ksur tal-art 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

L-Artiklu 428 (6) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta’ Malta, illi jitkellem fuq is-setgha tal-Qorti tal-Appell Kriminali meta jkun hemm appell biss fuq il-mertu minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali jipprovdi illi:

> *(6) Jekk l-appell ikun biss fuq il-mertu tal-kawża, il-qorti superjuri għandha tiddeċidi l-kawża billi twettaq, tbiddel jew tħassar is-sentenza li minnha jkun sar appell.*

L-ebda artikolu tal-Kodici Kriminali ma jipprovdi kif huwa prassi illi Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u fil-fatt tali pronunzjament johrog biss mill-Gurisprudenza izda mhux mil-ligi. Illi jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali ma taghmilx tali ezercizzju hi tkun qed tillimita l-funzjoni taghha ghal wahda ta’ review u dan iwassal ghal nuqqas ta’ smigh xieraq b’mod specjali fin-nuqqas, fissistema legali ta’ Malta, tat-tielet grad ta’ revizjoni fil-forma ta’ Qorti Suprema jew revizjoni ekwivalenti.

Fi kwalunkwe kaz il-ligi taghna u kif ukoll l-gurisprudenza nostrana jesigu illi l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Ghaldaqstant huwa mehtieg illi l-provi illi kellhom jitressqu mill-prosekuzzjoni jkunu l-ahjar prova. Madankollu l-esponenti ma kien jehtieglu jipprova xejn fil-process kontra tieghu, aktar u aktar jekk il-prosekuzzjoni ma tipproduciex l-ahjar prova. Illi l-artikolu 18 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi l-pieni f’kaz ta' dikjarazzjonijiet qarrieqa u habi ta' oggetti importati. Illi fil-fatt, kemm l-Ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll il-Qorti tal-Appell sabet l-appellant hati. Illi l-imsemmi artikolu jikkontempla l-piena ta' multa ghal tlett darbiet l-ammont ta’ dazju li ghandu jithallas fuq l-oggetti li jkunu jinsabu f'dak il-koll jew hames mija u tnejn u tmenin ewro u erba’ u tletin centezmu (€582.34c), skond liema jkun l-akbar.

Ghalhekk dan jfisser li *dato ma non concesso* li instabet htija fl-esponent bi ksur tad disposizzjonijiet tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti kellha qabel xejn tiddetermina l-fatti w d-dokumenti kollha migjuba quddiemha u tipprova tasal ghall-applikazzjoni tal-piena skond il-ligi. Kien ghalhekk jispetta illi kemm l-Ewwel Onorabbli Qorti u kemm il-Qorti tal-Appell Kriminali li jistabbilixxu l-prova tal-prezz tal-merkanzija u allura eventwalment l-ammont ta' dazju dovut skond il-ligi. Illi jigi rilevat illi fl-ewwel lok gialadarba l-merkanzija kienet *in transit* ebda dazju ma kien dovut (ara deposizzjoni ta' Frans Stellini). Gialadarba ebda dazju ma kien dovut fuq merkanzija in transit, allura l-multa applikabbli kellha tkun fil-minimu taghha u dana ghaliex l-ebda dazju ma kien dovut, u konsegwentement ir-ragunament illi ghamlu kemm l-Ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali huwa zbaljat u dan peress illi l-ebda ammont ta' dazju ma setgha jkun immultiplikat bị tlett darbiet u dan peress illi l-merkanzija kienet *in transit.*

Inoltre r-ragunament maghmul kemm mill-Ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali huwa wkoll zbaljat tenut kont tal-fatt illi meta l-Qrati gew biex jistabilixxu l-prezz tas-sigaretti u d-dazju dovut, huma strahu fuq in-nota ta' qbid ipprezentata mix-xhud Joseph Borg fis-seduta tas-27 ta' Ottubru tas-sena 2009. Illi dan ix-xhud ikkonferma biss li gharaf il-firma ta' Spiridione Galea fil-kapacità tieghu ta' Kontrollur tad-Dwana. Illi ghalhekk isegwi illi l-kontenut tan-nota ta' qbid kellu l-ewwel lok jkun ikkonfermat bil-gurament mill-persuna nnifisha li tkun preparat, ikkompilat u ffirmat l-istess nota, dan il-kaz il-Kontrollur tad-Dwana nnifsu u mhux rapprezentant tieghu. Illi dan ma sarx fil-kaz odjern fejn l-istess Kontrollur tad-Dwana naqas milli jitla' l-Qorti u jikkonferma bil-gurament id-dokument minnu maghmul. In oltre ghandu jkun ukoll konfermat bil-gurament, li jwassal ghac-certezza lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni rigward il-valur tal-merkanzija in kwistjoni u ukoll il-komputazzjoni tad-dazju dovut konnessi ma' dik il-merkanzija. Ma hux bizzejjed fi proceduri kriminali li r-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana jaghmilha tal-messaggier tal-Kontrollur u jidher quddiem il-Qorti jikkonferma li qed jaghraf il-firma tal-Kontrollur. Il-konferma tal-awtenticità o meno tad-dokument minnu esebit fil-Qorti, jista' jaghmlu biss dik il persuna li tkun hejjietu u ffirmatu u hadd hlifha. Anqas ma gie pruvat illi Joseph

Borg kien il-persuna li ghan-nom tal-Kontrollur hejja huwa nnifsu d-dokument in kwistjoni jew b'xi mod kien huwa stess li kkomputa d-dazju allegatament dovut. Ghalhekk f'dan il-kaz il-principju tal-ahjar prova fil-Qorti kellu jkun salvagwardjat biss mill-persuni koncerati direttament u mhux tramite l-messaggiera. Fin-nuqqas li tingieb tali prova diretta u konkreta, kwalsiasi prova ohra u cioè n-nota ta' qbid innifisha ma kelliex titqies bhala prova ammissibbli u determinati fil-kaz odjern.

L-esponent jirrileva illi huwa minnu illi l-funzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali mhuwiex li sservi bhala *terzo grado di appello*. Fil-fatt, fis-sentenza li tat fit-2 ta' Ottubru 2001 fil-kawza fl-ismijiet Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et, il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet referenza ghad-dottrina u ghall-gurisprudenza:-

> *" ... fis-sentenza "Nicholas Ellul vs Kummissarju talPulizija" (Appell Kostituzzjonali, 22 ta` Mejju 1991 - Vol.LXXV.i.240) intqal illi:-*
>
> *"Dwar f'hiex ma kienx hemm fair trial, jew smiegh xieraq, ir-rikorrent prattikament ma jghid xejn, hlief li jallega li l-Qorti Istruttorja interpretat hazin id- disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali applikabbli ghall – in genere u reperti; il-Qorti Istruttorja interpretat korrettament id-disposizzjonijiet relevanti anki fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kostanti talQrati ta' kompetenza Kriminali, izda fi kwalunkwe kaz din mhix materja kostituzzjonali u din il-Qorti m'ghandha ebda kompetenza fir-rigward."*
>
> *Fil-ktieb "Article 6 of the European Convention on Human Rights – The right to a fair trial" (Andrew Grotrian, 1994) l-awtur qal hekk:-*
>
> *"The question of whether proceedings have been 'fair' is of course quite separate from the question of whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under it so-called 'fourth instance formula', it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings."*

L-istess kien riaffermat fid-decizjoni li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Jannar 2010 fil-kawza fl-ismijiet Peter Paul Muscat vs Mario Muscat pro et noe, fejn inghad:-

> *"Illi fir-rigward tar-rwol ta' din il-Qorti kif adita mir-rikorrent, din il-Qorti tibda billi tghid li taqbel mal-intimati li l-funzjoni taghha fl-istharrig taghha tal-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali mressaq mir-rikorrent m'ghandux jissarraf f'appell iehor mis-sentenzi kontestati. Fuq dan, jaqbel ir-rikorrent ukoll."*

Jigi rilevat illi l-Qorti hija moghtija s-setgha li, f'kaz ta' ilment dwar ksur tad-dritt fondamentali tal-persuna ghal smigh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgiba ta' kull Qorti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament oghla minnha. Izda din is-setgha wiesgha hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali m'ghandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigh xieraq ikkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet taghhom. Hija setgha limitata biex tqis jekk il-procediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq kienx tassew wiehed imparzjali u "skond il-ligi".

L-esponent jirreferi wkoll ghad-decizjoni li tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Gunju 2012 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Camilleri vs Avukat Generali, deciza fir-28 ta' Gunju 2012 fejn inghad:-

> *"Illi huwa opportun hawnhekk li l-Qorti taghmel referenza ghal ktieb ta' Jacobs and White, The European Convention on Human Rights, Third Edition, fejn f'pagna 140, fejn l-awturi jikkummentaw fuq l-hekk imsejha "fourth instance" doctrine, u l-kuncett zbaljat li jezisti dwar is-sistema tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti qed tislet minn dan il-ktieb dawn il-principji:*
>
> 1. *The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts.*

2. *The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention.*

3. *Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on.*

4. *And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgement, as the case may be.*

5. *The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts."*

Dawn il-lanjanzi jaqghu taht dik li l-gurisprudenza rriferiet ghalihom bhala **mankanzi partikolari tul il-proceduri kriminali illi wasslu ghal nuqqas ta' smiegh xieraq fil-process tal-proceduri kriminali illi saru fil-konfront tal-esponent.**

**Illi ssir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet "St. Paul's Court Limited vs L-Onor. Prim Ministru et noe" (Rik. Kost. Nru :552/96VDG - deciza fis-16 ta' Settembru 1998) fejn inghad li:**

*"kif tajjeb josservaw l-awturi Harris,O'Boyle u Warbrick :-*

*"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), the right to a "fair hearing" has an openended, residual quality. It provides an opportunity both for adding other specific rights not listed in Article 6 that are considered essential to a "fair hearing" and for deciding whether a "fair hearing" has occurred on the particular facts of a given case when the proceedings are looked at as a whole." (pg. 202). (Vide ukoll "Khallouf Fatiha vs*

*Kummissarju Tal-Pulizija" - Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) deciza fit-28 ta' Dicembru 2001)."*

**Illi dwar l-istess artikolu inghad fis-sentenza "Kostovski vs The Netherlands" (20 ta' Novembru 1989. Series A-166 12 EHRR434) li:-**

*"The effect of Article 6 (1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision".*

*Illi, minkejja dan, jista' jinghad li l-elementi kollha ta' dan id-dritt ma jistghux jigu definiti a priori u specifikatament, stante li l-istess principju hawn kawtelat huwa tassew wiesgha tant li inghad li:-*

*"It is a nebulous concept which absorbs other elements not explicitly mentioned in Article 6 but which are considered essential for deciding whether a fair hearing has occurred on the particular facts of a given case".*

*"The right to a fair hearing requires a court to appreciate impartially all the matters of fact and of law submitted to it by both parties with reference to the particular issue which it is called upon to decide, since, as held by the European Commission, it is not possible to state in the abstract the content of this requirement." ("The Right To Be Heard By An Independent and Impartial Tribunal" (1997) Dr. Roberta Gauci LL.D).*

**Illi inoltre fil-ktieb "Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial" ta' Andrew Grotrian jinghad illi:-**

*"The requirement of fairness covers the proceedingsas a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."*

Wiehed ghandu, bhala regola, jezamina l-proceduri firrigward tal-kaz partikolari fit-totalità taghhom (ara, fost decizjonijiet ohra, "Dr. Lawrence Pullicino v. Onor. Prim Ministru et." (Qorti Kostituzzjonali - 18 ta' Awwissu, 1998.)

**Illi in effetti l-imsemmi awtur jelenka l-principji illi jinkorpora fih l-imsemmi artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dawn jikkonsistu inter alia f':-**

*"The most established right added to Article 6 (1) is the principle of the equality of arms. This is important to understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed in Article 6 (1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent. This concept of equality of arms was first mentioned in the Neumaister case (27/6/1968) and has been a feature of Article 6(1) ever since. The Commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases and in the context of civil cases between private parties, the Court has said:"*

*"The court agrees with the Commission that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis his opponent." ("Dombo Beheer BV vs The Netherlands", 27 ta' Ottubru 1993)*

**Illi l-awturi Van Dijk u Van Hoof, fil-ktieb Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Kluwer Law International (The Hague) 1998) jispjegaw hekk:-**

*"The Commission and the Court have avoided to give an enumeration of criteria in the abstract. In each individual*

*case the course of the proceedings has to be assessed to decide whether the hearing concerned has been a fair one. What counts is the picture which the proceedings as a whole present, although certain aspects per se may already conflict with the principle of a fair hearing in such a way that an opinion can be given about the fairness of the trial irrespective of the further course of theproceedings, e.g., the way in which the evidence is collected during a preliminary hearing. Depending on the stage of the proceedings and its special features, the manner of application of Article 6 may differ." (pp. 428-429).*

**Illi fi kliem iehor, ghalkemm wiehed irid ihares lejn il-proceduri fit-totalità taghhom, certi mankanzi, jew anke aspett partikolari wiehed, jistghu jkunu tant determinanti ghall-ezitu ta' kawza fil-kaz konkret li dawk il-mankanzi flimkien jew dak in-nuqqas wiehed partikolari ikunu/ikun bizzejjed biex qorti tasal ghall-konkluzjoni li ma kienx hemm "smigh xieraq". L-istess konsiderazzjonijiet maghmula japplikaw ghad-disposizzjojnijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.**

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet issir riferenza wkoll ghas-sentenza "Peter Montebello vs l-Avukat Generali et" (Q.K. (SC) (JAF) (GV) – 31 ta' Jannar 2011 fejn inghad li f'ezami ta' dawk il-komponenti li jistghu jwasslu ghall-ksur tad-dritt ta' smigh xieraq skond il-ligi, kull kaz ivarja minn iehor imma f'kull kaz il-Qorti trid tassigura li l-proceduri jkunu kondotti b'mod li lkontendenti oggettivament huma mistennija li jhossu li jkunu inghataw x'jifhmu li l-kawza ser tigi trattata u deciza fuq dak li gie dibattut, u l-mod kif dan isir ma ghandux jimmina drittijiet kollha ta' xi wahda mill-partijiet li ligi stess tipprovdi.

Illi ghalhekk tenut kont tan-natura teknika ta' dawn l-ilmenti u tenut kont illi tali ilmenti impingew direttament fuq il-konstatazzjonijiet ta' fatti maghmula mill-Qrati fil-kors tal-proceduri kriminali fil-konfront tal-esponent, l-esponent jirrileva illi ghalhekk kien hemm ksur ta' smiegh xieraq fil-proceduri kriminali mehudha fil-konfront tieghu.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi gew lezi d-drittijiet tal-esponenti ghal smigh xieraq kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Ġenerali li permezz taghha gie eccepit illi:

Bħala punt ta' dritt taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea nsibu l-jedd għal smigħ xieraq u mhux il-jedd għall-għajnuna ta' avukat qabel ma, jew waqt illi, tittieħed stqarrija. Ifisser dan, li jekk in-nuqqas ta' konsultazzjoni ma' avukat fil-mument tat-teħid tal-istqarrija ma ġġib l-ebda preġudizzju serju għall-akkużat fl-eżitu tal-proċeduri kriminali allura dan tal-aħħar ma jkollu l-ebda raġun jinvoka ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq abbażi ta' dan in-nuqqas.

Il-Qorti Kostituzzjonali għamlitha ċara f'ħafna sentenzi riċenti illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u *ipso facto*, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq (ara *inter alia* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmel Camilleri*** tat-22 ta' Frar 2013, ***Charles Stephen Muscat vs. Avukat Ġenerali*** tat-8 ta' Ottubru 2012 u ***Joseph Bugeja vs. Avukat Ġenerali*** tal-14 ta' Jannar 2013), iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' leġittimità meħtieġa biex l-istqarrija titqies li ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

Marbut ma' dan l-istqarrija ma tistax tiġi iżolata waħidha mill-bqija tal-kumpless tal-proċeduri kriminali. Kif ħafna drabi ngħad f'dawn iċ-ċirkostanzi, d-dritt tas-smigħ xieraq irid jiġi meqjus fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku. Tabilħaqq biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-

proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti. Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li ta' bilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (ara fost oħrajn is-sentenzi ***Dr. Lawrence Pullicino vs. Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Awwissu 1998, ***Anthony Zarb et vs. Ministru tal-Ġustizzja et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Ottubru 2002 u ***Gregorio sive Godwin Scicluna vs. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Ottubru 2003).

Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jargumenta illi n-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogatorju awtomatikament jissarraf fi ksur tad-dritt ghal smigh xieraq tal-istess rikorrenti. L-esponenti jissottometti li l-Qorti Ewropeja evolviet fil-kazistika taghha. Ix-xenarju gurisprudenzjali dwar din il-materja inbiddel kompletament bil-kawzi **Beuze vs. Belgium, Farrugia vs. Malta u Stephens vs. Malta.**

Xi stabbiliet fl-ahhar snin l-Qorti Ewropeja fil-kazijiet taghha? Il-Qorti Ewropeja stabbiliet li f'kaz li jkun hemm restrizzjoni ghall-assistenza legali waqt l-interrogatorju, ma jkunx hemm ksur ghad-dritt ghal smigh xieraq b'mod awtomatiku izda f'dawk il-kazijiet ikunu jridu jigu applikati zewg testijiet: (a) it-test tal-ezistenza tal-compelling reasons; u f'kaz li tali *compelling reasons* ma jirrizultax (b) it-test tal-*overall fairness* tal-proceduri. Izda l-Qorti Ewropeja ma waqfitx hemm u fil-kaz deciz mill-Grand Chamber fl-ismijiet **Beuze v. Belgium** gew elenkati numri ta' fatturi li kellhom jittiehdu in kunsiderazzjoni fil-kuntest tal-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni jekk effettivament inkisirx id-dritt ghal smigh xieraq naxxenti mit-tehid ta' istqarrija minghajr assistenza legali. Illi wara li nghatat is-sentenza **Beuze v. Belgium** il-Qorti Ewropeja kellha l-opportunità li tevalwa s-sistema processwali kriminali nostrana sabiex tara jekk is-sistema taghna toffrix garanziji bizzejjed anke jekk id-dritt ta' avukat ikun ristrett b'mod sistematiku.

Dwar l-lanjanzi l-ohra l-esponent jirrileva li r-rikorrent b’din il-kawza qieghed effettivament jistieden lil din l-Onorabbli Qorti taghmel apprezzament mil-gdid tal-provi u tax-xhieda li tressqu fil-process kriminali u terga tidhol fil-mertu tal-process kriminali u ghalhekk taghmilha ta’ Qorti tat-Tielet jew Raba’ Istanza. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma jiggarantixxi l-ebda dritt li akkuzat ikollu xi rimedju quddiem qorti tat-tielet grad wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u ghalhekk mhuwiex il-kompitu ta’ din l-Onorabbli Qorti li tistharreg mill-gdid il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Qorti tal-Appell Kriminali. L-**artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta** jipprovdi li s-smigħ għandu jkun fi zmien ragjonevoli, fil-pubbliku u quddiem tribunal indipendenti w imparzjali mwaqqaf b’liġi. Illi minn dawn l-elementi kollha msemmija, ir-rikorrenti lanqas element wieħed ma jelenka jew jilmenta minnu anzi ser jirrizulta mill-provi li l-Qrati Kriminali osservaw il-ligi skrupolozament. L-esponenti jissottometti illi r-rikorrent qed jittenta jasal tramite l-procedura odjerna fejn ma rnexxilux jasal quddiem il-qrati muniti b’gurisdizzjoni kriminali. Ghalhekk kull tentattiv sabiex dawn il-proceduri jintuzaw b’dan il-mod jikkostitwixxi uzu hazin ta’ dina l-procedura straordinarja.

Bhala regola, meta wiehed japprezza jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet procedurali li jokkorru imma lejn jekk fl-assjem taghhom, il-proceduri kienux jew le kondotti b’gustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996). F’din il-qaghda l-jedd ta' smigh xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-generalita tal-kazijiet, jidhol biss (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien ingustifikat waqt is-smigh tal-kawza, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' access lill-qrati, (iv) meta s-smigh jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawza, (v) meta ma jkunx hemm *equality of arms* bejn il-partijiet kontendenti fil-kawza, (vi) meta parti ma tinghatax id-dritt li tinstema’ (*audi alterem partem*) u/jew li tressaq il-kaz taghha kif imiss u (vii) meta s-sentenza tinghata minghajr motivazzjoni.

Sabiex jigu applikati l-elementi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jridu ta’ bilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari

tal-kaz, b'mod illi biex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, wiehed irid iqis il-process kollu kemm hu, maghduda maghhom l-imgieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mharsin mill-istess qorti (ara *Fenech vs Avukat Generali* deciza fl-4 ta' Awwissu 1999 - Vol. LXXXIII.i.213). Wiehed ma jistax u m'ghandux jiffoka fuq bicca biss mill-process shih gudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew ghelt, jasal ghall-konkluzjoni li ta' bilfors sehh ksur tal-jedd tas-smigh xieraq (*Pullicino vs. Onor. Prim Ministru et* deciza fit-18 ta' Awwissu 1998 – Vol. LXXXII.i.158).

Dan attiz, ghandu jirrizulta bl-aktar mod kategoriku u manifest li l-ilment imressaq mir-rikorrent f'din il-kawza ma jaqa' taht l-ebda wahda mic-cirkostanzi msemmija hawn fuq. Fl-ebda hin u fl-ebda mument ir-rikorrenti ma gie trattat b'mod differenti u lanqas ma jirrizulta li gie mcahhad minn xi dritt li meta wiehed ihares lejn il-proceduri fit-totalità taghhom jista jikkonkludi li ma kienx hemm smigh xieraq. Anzi, jirrizulta li l-partijiet kellhom access ugwali ghall-Qorti, saru l-ezamijiet u kontro-ezamijiet kollha mehtiega u kull parti kellha l-opportunità li tressaq il-kaz taghha. Il-fatt wahdu li l-Qrati penali ghazlu li jemmnu x-xhieda ta' xhud bl-ebda mod ma jfisser li dak sar bi ksur ta' xi dritt fundamentali tar-rikorrent.

Fl-ahhar mill-ahhar ix-xoghol ta' gudikant huwa proprju li jevalwa u japprezza x-xhieda li jisma' u jiddecidi liema xhieda ghandu joqghod fuqha u liema xhieda mhux ta' min joqghod fuqha u l-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi kriterji biex jghinuh jaghmel dan. Iz-zewg sentenzi in kwistjoni kemm tal-Qorti tal-Magistrati u kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali huma motivati u ben studjati u ma hemm xejn irragjonevoli jew irregolari fihom. Jekk il-Qrati penali skartaw id-difiza tar-rikorrent dan ma sarx b'mod kappriccjuz izda ghaliex qiesu li kien hemm provi sal-grad rikjest mil-ligi sabiex isibu htija fir-rikorrent.

Dwar il-piena hija sinjifikanti ferm dak li ammetta r-rikorrent stess fir-rikors promotur u cioè li l-piena li giet imposta mill-Qorti tal-Appell Kriminali hija fil-parametri tal-ligi u ghalhekk r-rikorrent ma jistax jippretendi li juza dawn il-proceduri biex

jipprova jahrab minn piena li giet imposta b'mod legittimu fil-konfront tieghu.

Illi kif ser jigi spjegat f'aktar dettal waqt is-smigh tal-kawza, ir-rikorrent ma garrab l-ebda lezjoni tal-jedd ghal-smigh xieraq stante li dak li stqarr huwa infondat fil-fatt u fid-dritt.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghi.

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Jannar 2021 il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti u ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-proċeduri Il-Pulizija vs Francis Xavier Galea Appelli Numri: 613/2016 u 621/2016 deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Lulju 2019.

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż id-dokumenti u l-atti allegati.

Rat in-noti ta' sottomissjoniet li ressqu l-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża r-rikorrenti qiegħed ifittex li fl-ewwel lok jikseb dikjarazzjoni dwar leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa taħt l-Artikoli 3 u 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni u subordinatament li jingħata rimedju għal-leżjoni mġarrba.

L-ilmenti tar-rikorrenti huma essenzjalment tlieta:

1. **Dritt għall-assistenza legali** – dan għaliex fil-5 ta' Settembru 2008 meta r-rikorrenti rrilaxxja dikjarazzjonijiet inkriminanti lill-Uffiċjali tad-Dwana huwa ma kienx assistit mill-Avukat tal-fiduċja tiegħu stante l-fatt illi dak iż-żmien il-liġi Maltija ma kienitx għada tipprovdi għad-dritt tal-assistenza legali fil-kors tal-investigazzjoni.

2. **Il-Funzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali** – f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jilmenta mill-fatt illi l-Qorti tal-Appell

Kriminali tillimita l-funzjoni tagħha għal waħda ta' reviżjoni billi ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, prassi li fil-fehma tar-rikorrenti hija waħda li ma toħroġx mil-liġi iżda mill-ġurisprudenza u li essenzjalment hija leżiva tad-drittijiet fondamentali tiegħu għaliex b'hekk ġie mċaħħad mill-opportunità li l-Qorti terġa teżamina l-fatti qabel ma tikkonferma, tbiddel jew tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti.

3. **Il-Piena erogata hija waħda sproporzjonata** – ir-rikorrenti jgħid illi li kieku l-Qorti tal-Appell Kriminali reġgħet eżaminat il-fatti tal-każ u għamlet apprezzament korrett ta' dak li rriżulta mix-xhieda tal-Uffiċjali tad-Dwana, il-piena erogata ma kinitx tinkludi wkoll il-multa.

L-Avukat tal-Istat ressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu fejn fi ftit kliem qal illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda stante illi jirriżultaw infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex l-ilment tar-rikorrenti ma jinkwadraw taħt ebda wieħed mill-kriterji dwar ksur tad-dritt għal smigħ xieraq. Eċċepixxa wkoll illi l-garanzija li joffri l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija dwar smigħ xieraq u mhux dwar dritt għall-assistenza legali. Żied jgħid illi in ogni każ, in-nuqqas t'assistenza legali fil-kors tal-investigazzjoni mhijiex suffiċjenti sabiex jinstab li kien hemm leżjoni tad-dritt għal-smigħ xieraq u li fl-eżerċizzju tagħha sabiex tara seħħitx leżjoni, il-Qorti trid tqis il-proċess kriminali fit-totalità tiegħu. In oltre, u b'referenza għat-tieni u t-tielet ilmenti tar-rikorrenti, l-Avukat tal-Istat eċċepixxa li l-Qorti Kostituzzjonali m'għandiex isservi ta' Qorti tat-tielet grad li tirrevedi l-proċess kriminali. Jgħid għalhekk illi t-talbiet tar-rikorrenti kif impostati huma abbuż minn din il-proċedura li fin-natura tagħha hija waħda straordinarja.

## Il-Fatti

In suċċint, il-fatti kif jirriżultaw mill-atti huma s-segwenti:

- Fil-5 ta' Settembru 2008 waslet f'Malta merkanzija b'titjira minn Dubai;

- Skont ma kien indikat fuq l-*airway bill*, il-merkanzija kienet tikkonsisti f'DVDs, Hi-Fi u *telephones*;

- Il-Kumpannija Cargo Handling ġiet mitluba tagħmel riċerka ta' verifika dwar il-merkanzija sabiex tħejji dikjarazzjoni dwar dazju;

- Id-dikjarazzjoni saret abbażi ta' dak li kien hemm imniżżel fuq l-*airway bill*;

- L-Uffiċjali tad-Dwana spezzjonaw il-merkanzija minn fejn irriżulta li minn 11-il *bundle* 10 minnhom kienu sigaretti waqt illi *pallet* waħda biss kienet tikkonsisti f'DVDs u *telephones*;

- Irriżulta wkoll illi l-merkanzija kienet intiża għall-esportazzjoni lejn il-Libja;

- Ir-rikorrenti ġie nterrogat mill-Uffiċjali tad-Dwana. Dak inhar ma kienx assistiti mill-Avukat tal-fiduċja tiegħu. Ir-rikorrenti ammetta li kien jaf tajjeb fiex kienet tikkonsisti l-merkanzija biss ma ddikjarax il-verita' għar-raġuni li beża li s-sigaretti setgħu jinsterqu;

- L-Uffiċjali tad-Dwana ħarġu *letter to prosecute* li ġiet mgħoddija lill-Pulizija Eżekuttiva sabiex jittieħdu passi fil-konfront tar-rikorrenti;

- Il-Pulizija ressqet lir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) akkużat fost l-oħrajn bi ksur ta' liġijiet tad-dwana u taxxa.

Fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 20162, il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-imputat ħati u kkundannatu għal piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin kif ukoll għal multa fis-somma ta' €42,000.

Kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-Avukat Ġenerali appellaw minn dik is-sentenza.

B'sentenza tat-30 ta' Lulju 2019 il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet l-appell tal-Avukat Ġenerali u rriformat is-sentenza tal-Ewwel Qorti limitatament in kwantu l-multa mposta li issa telgħet għas-somma ta' €205,375.08.

## L-Ilmenti

Ħlief għall-atti allegati, fl-atti ta' din il-kawża ma tressqu ebda provi la minn parti u lanqas minn oħra.

Mill-inkartament proċesswali relattiv għall-proċeduri penali fil-konfront tar-rikorrenti jidher illi wara l-wasla tal-merkanzija f'Malta ir-rikorrenti mar fl-uffiċini tad-Dwana ġewwa Ħal-Luqa fejn tkellem ma' uffiċjal tad-Dwana, wrieh l-*airway bill* u fissirlu li ried jesporta dik il-merkanzija lejn il-Libja. Jirriżulta illi minnufih malli r-rikorrenti ġie kkonfrontat bil-fatt illi d-deskrizzjoni fuq l-*airway bill* ma kienitx veritjiera, huwa ammetta li kien iddikjara l-falz għaliex beża li l-merkanzija senjatament is-sigaretti setgħu jinsterqu. Jirriżulta wkoll illi kienu l-uffiċjali tad-Dwana li wettqu l-investigazzjoni dwar fiex sewwa sew kienet tikkonsisti l-merkanzija u kienu l-istess uffiċjali tad-Dwana li tkellmu mar-rikorrenti. Sa dan il-punt il-Pulizija Eżekuttiva kienet għada ma ġietx involuta fil-proċess. Jidher fil-fatt illi l-Pulizija Eżekuttiva ġiet involuta wara li l-uffiċjali tad-Dwana ħarġu *letter to prosecute* abbażi ta' liema l-Pulizija ħarġet l-akkużi u ressqet lir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Fil-kors tal-proċess ġudizzjarju fil-konfront tiegħu, senjatament fl-udjenza tas-7 ta' Mejju 2015 minn rajh l-imputat, illum rikorrenti, għażel illi jieħu l-pedana tax-xhieda fejn xehed *in extenso* u ċaħad li kien personalment responsabbli għar-reati lilu addebitati.

Minn qari tas-sentenza li tat il-Qorti tal-Maġistrati fis-7 ta' Diċembru 2016 jirriżulta illi dik il-Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq dak illi rriżulta lilha mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni fosthom ix-xhieda li taw l-uffiċjali tad-Dwana u d-dokumentazzjoni esebita. Jidher ukoll illi l-Qorti għażlet li tiskarta t-teżi tad-difiża u dak illi xehed l-imputat.

Kemm l-imputat u kif ukoll l-Avukat Ġenerali appellaw mis-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2016. Fl-isteżura tad-deċiżjoni

tagħha il-Qorti tal-Appell Kriminali trattat l-aggravji kollha wieħed wieħed u fid-dettal u t-tul li kull aggravju kien jistħoqqlu.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrenti jilmenta fost l-oħrajn mill-fatt illi fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell Kriminali naqset milli tittratta l-kwistjoni tal-ammissibilità o meno tad-dikjarazzjonijiet rilaxxjati mill-imputat kif ukoll naqset milli tindika jekk fid-deċiżjoni tagħha kienetx straħet fuq tali dikjarazzjonijiet. In oltre, jisħaq illi d-dikjarazzjonijiet minnu rilaxxjati ntużaw waqt ix-xhieda li ta l-istess rikorrenti u ikkondizzjonaw il-bqija tal-proċeduri. Jgħid għalhekk illi bil-fatt li kien ipprivat mid-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu ġie leż id-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq. Ikompli jargumenta illi l-istess dritt fondamentali ġie leż bil-fatt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali tillimita l-funzjoni tagħha għal reviżjoni dwar jekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti kienitx waħda ġusta b'piena li taqa' fil-parametri dettati mil-liġi. Ikompli jgħid illi l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha tiddetermina l-fatti u d-dokumenti kollha mressqa quddiemha biex b'hekk tasal għal erogazzjoni tal-piena li hija fil-parametri tal-liġi. Fi kliem ir-rikorrenti kemm l-Ewwel Qorti u kif ukoll il-Qorti tal-Appell kellhom qabel xejn jistabbilixxu l-prezz tal-merkanzija biex sussegwentement jistabbilixxu kemm kien l-ammont ta' dazju dovut skont il-liġi. Jgħid illi abbażi ta' dak illi xehed l-uffiċjal tad-Dwana Frans Stellini ebda dazju ma kien dovut fuq il-merkanzija peress li din kienet tinsab *in transit*. Ir-rikorrenti jgħid għalhekk illi kemm l-Ewwel Qorti kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlu apprezzament ħażin tal-provi għaliex straħu fuq nota ta' qbid illi lanqas biss ġiet ikkonfermata bil-ġurament mill-awtur tagħha u fuq valur ta' merkanzija li ma kienx ippruvat fi grad li jmur lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

L-Avukat tal-Istat irribatta għall-argumenti tar-rikorrenti billi osserva li sabiex jiġi stabbilit kienx hemm leżjoni tad-dritt għas-smigħ xieraq jeħtieġ illi l-Qorti tħares lejn il-proċess kriminali fit-totalità tiegħu għaliex element wieħed singolari mhuwiex biżżejjed sabiex tiġi determinata leżjoni. Jirreferi għall-evoluzzjoni fil-każistika tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li tgħid li n-nuqqas t'assistenza legali waħdu mhuwiex biżżejjed sabiex tinstab leżjoni u li fl-evalwazzjoni tagħha l-Qorti trid tara kienx hemm *compelling reasons* u fin-nuqqas tgħaddi

sabiex tara l-*overall fairness of the proceedings*. L-Avukat tal-Istat josserva wkoll illi fl-ebda waqt tal-investigazzjoni ma ġiet rilaxxjata stqarrija mir-rikorrenti bil-konsegwenza li l-ilment tar-rikorrenti kif imfisser fir-rikors promotur huwa dirett unikament lejn dawk id-dikjarazzjonijiet li r-rikorrenti għamel fil-preżenza tal-uffiċjali tad-Dwana. L-Avukat tal-Istat ikompli jgħid illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali hija msejjsa fuq il-fatt li r-rikorrenti għamel dikjarazzjonijiet foloz tant illi meta xehed ikkonfema dan l-aġir biss prova jeskolpa ruħu billi jsib skuża li beża li l-merkanzija tinsteraq.

Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell Kriminali, wara li għamlet l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-mertu tal-każ ikkonkludiet illi s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti "*hija wahda legalment u ragjonevolment korretta*" u li għalhekk ma kienx hemm lok li din id-deċiżjoni tiġi disturbata. Il-Qorti żiedet tgħid illi '*Fil-każ in dizamina in–nuqqas kien jikkonċerna s-sigaretti u xejn ma jimporta jekk kienux għar-riesportazzjoni fl-liema każ kienu ikunu eżenti mid-dazji, li l-imputat,* ***kif jirriżulta wisq ċar, konsapevolment u volutament naqas li jiddikjara****.*' *(**sottolinear da' din il-Qorti**).*

Għal dak illi jirrigwarda t-tieni lment u cioè il-piena erogata mill-ewwel Qorti, il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat illi l-ewwel Qorti kienet waslet għall-multa li ġiet imposta abbażi tal-valur li kien dikjarat fuq in-nota ta' qbid liema nota qatt ma kienet ġiet ikkontestata. Għalhekk, l-appell ġie miċħud.

L-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq il-garanziji li joffri l-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni liema disposizzjoni tipprovdi hekk:

> *"Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin:*
>
> *(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u rraguni tal-akkuza kontra tieghu;*
>
> *(b) li jkollu zmien u facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiza tieghu;*

*(c) li jiddefendi ruhu persunalment jew permezz ta' assistenza legali maghzula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghata lilu b'xejn meta linteressi tal-gustizzja jehtiegu hekk;*

*(d) li jezamina jew li jara li jigu ezaminati xhieda kontra tieghu u li jottjeni l-attendenza u lezami ta' xhieda favur tieghu taht l-istess kundizzjonijiet bhax-xhieda kontra tieghu;*

*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa uzata fil-qorti."*

Ir-rikorrent jinvoka wkoll l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Id-disposizzjonijiet rilevanti jaqraw hekk:

*"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

*39(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –*

*....*

*(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

*(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;*

*(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess*

> *kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni;"*

Il-Qorti tibda billi ttenni li huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea li l-funzjoni ta' din il-Qorti kif adita mhijiex li tagħmilha ta' qorti ta' reviżjoni ta' sentenzi ta' qrati oħra.

Fil-kawża fl-ismijiet Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et, deċiża fit-2 ta' Ottubru 2001, din il-Qorti diversament preseduta osservat illi:

> *"Inoltre fis-sentenza "**Nicholas Ellul vs Kummissarju talPulizija" (Appell Kostituzzjonali, 22 ta' Mejju 1991 - Vol.LXXV.i.240)** intqal illi:-*
>
> *"Dwar f'hiex ma kienx hemm fair trial, jew smiegh xieraq, ir-rikorrent prattikament ma jghid xejn, hlief li jallega li l-Qorti Istruttorja interpretat hazin id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali applikabbli ghall – in genere u reperti; il-Qorti Istruttorja interpretat korrettament id-disposizzjonijiet relevanti anki fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kostanti tal-Qrati ta' kompetenza Kriminali, izda fi kwalunkwe kaz din m'hix materja kostituzzjonali u din il-Qorti m'ghandha ebda kompetenza fir-rigward."*
>
> *Fil-ktieb "**Article 6 of the European Convention on Human Rights – The right to a fair trial" (Andrew Grotrian, 1994)** l-awtur qal hekk:-*
>
> *"The question of whether proceedings have been 'fair' is of course quite separate from the question of whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under it's so-called 'fourth instance formula', it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings*."

(ara wkoll: Peter Paul Muscat vs Mario Muscat pro et noe, (PA, 21 ta' Jannar 2010; Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali tal-Fgura

et, QK, 8 ta' Jannar 2010; J.E.M. Investments vs Avukat Ġenerali, QK, 30 ta' Settembru 2011; Emmanuel Camilleri vs Avukat Ġenerali, QK, 28 ta' Ġunju 2012).

Waqt illi tirribadixxi l-prinċipji ta' dritt appena enuċjati, din il-Qorti tagħmilha ċara illi mhijiex ser tassumi r-rwol ta' Qorti tat-tielet grad. Anki jekk ir-rikorrenti jinsab kontrarjat bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, is-setgha ta' din il-Qorti bħala Qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali hija tabilħaqq ċirkoskritta sabiex tinvestiga seħħitx il-lezjoni tad-drittijiet fundamentali allegata minnu. Kwalunkwe kunsiderazzjoni oħra teżorbita r-rwol ta' din il-Qorti kif adita.

Determinata l-funzjoni ta' din il-Qorti, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina funditus il-garanziji li joffru l-Artikolu 6 u kif dawn ġew imħaddma fil-każ illi għandha quddiemha l-Qorti llum.

Fil-Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a fair trial (criminal limb)[1], senjatament fis-sub sezzjoni 'A' ntitolata '*The Fundamental Principles*' taħt sezzjoni 'I' ntitolata '*General Considerations of Article 6 in its criminal aspect*', insibu mfisser illi:

> "*1. The key principle governing the application of Article 6 is fairness (Gregačević v. Croatia, 2012, § 49). However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], 2016, § 250).*
>
> *2. In each case, the Court's primary concern is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings. Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole, and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident. However, it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings*

[1] Kif aġġornat sal-31 t'Awwissu 2022

*(ibid., § 250). Thus, for instance, in the context of its assessment of the pre-trial judge proceedings confirming the indictment, the Court has stressed that it must have regard to the proceedings as a whole, assessing the handling of the case by the pre-trial judge in light of the subsequent trial, when determining whether the rights of the applicant were prejudiced. As part of that determination, it needs to be assessed whether any measures taken during the proceedings before the pre-trial judge weakened the applicant's position to such an extent that all subsequent stages of the proceedings were unfair (Alexandru-Radu Luca v. Romania,* § 63)."*

Fuq dan il-binarju kien il-pronunzjament tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet <u>Tyrone Fenech and others vs Malta</u>.

Riferibbilment għad-dritt għall-assistenza legali, fil-Guide on Article 6 (ibid.) jingħad illi l-iskop tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6(3)(ċ) huwa dak illi l-persuna akkużata tingħata dritt għall-assistenza legali f'kull stadju tal-proċeduri inkluż fl-istadji bikrija tal-investigazzjoni. Dan id-dritt jitqies bħala li huwa kardinali għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja għaliex jiggarantixxi l-osservazzjoni tal-prinċipju tal-*equality of arms*.

Hu prinċipju assodat fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi d-determinazzjoni tal-eżistenza o meno ta' leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq tinneċessita eżami tal-proċedura ġudizzjarja kollha kemm hi fit-totalità tagħha. Fil-każ ta' Anthony Zarb et vs Il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali et, tas-16 t' Ottubru 2002, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

*"...huwa risaput minn studju tal-gurisprudenza in materja, li biex tigi deciza il-kwistjoni jekk inghatax smiegh xieraq jew le, skond l-artikoli Kostituzzjonali citati qabel, wiehed ma jistax, u ma ghandux, semplicement jiffoka fuq xi parti biss tal-process gudizzjarju u jekk isib kwalunkwe nuqqas ikun x'ikun, allura wiehed inezorabilment ikollu jikkonkludi li l-process gudizzjarju kollu hu konsegwentement vizjat. Invece, biex wiehed jasal ghal decizjoni jekk kienx hemm*

*ksur tad-dritti fondamentali ghal smiegh xieraq, ikun mehtieg li l-"iter" shih tal-process gudizzjarju jigi analizzat. Il-valutazzjoni trid issir fuq l-assjem tal-elementi kolha li jifformaw il-process gudizzjarji, ghax hu biss minn tali valutazzjoni komprensiva li wiehed jista' jasal kien ragjonevolment jiddeciedi jekk kienx hemm vjolazzjoni ta' l-imsemmi dritt fondamentali."*

Fil-mertu, mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti qatt ma rrilaxxja stqarrija. Jidher għalhekk illi l-ilment tar-rikorrenti huwa ċirkoskritt għad-dikjrazzjonijiet li huwa rrilaxxja fil-mument meta tkellem mal-uffiċjali tad-Dwana fejn jidher li waqt illi ma kellux assistenza legali għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti. Tajjeb jingħad illi l-ġurisprudenza li fuqha jakkampa r-rikorrenti in sostenn tat-teżi tiegħu, hija ġurisprudenza li tirreferi għal ċirkostanzi fejn l-imputat ikun irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva u dik l-istqarrija tiġi eventwalment esebita bħala parti integrali mill-proċess kriminali u mill-provi tal-Prosekuzzjoni. F'dan il-każ x'intqal bil-preċiż mir-rikorrenti ma jista' qatt ikun magħruf għaliex stqarrija jew dikjarazzjonijiet bil-miktub qatt ma ttieħdu. Biss, ir-rikorrenti jilmenta illi fil-kors tax-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti l-Prosekuzzjoni għamlet referenza għad-dikjarazzjonijiet minnu rilaxxjati u jgħid għalhekk illi dan il-fattur influwixxa fuq il-bqija tal-proċeduri fil-konfront tiegħu.

Jibda biex jingħad illi fil-5 ta' Settembru 2008 il-liġi ta' Malta kienet għada tipprekludi l-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju. Anki jekk f'dan il-każ ma seħħ ebda nterrogatorju mill-Pulizija, ir-rikorrenti qiegħed jippretendi li kellu jkun legalment assistit fil-mument meta ġie mitkellem mill-uffiċjali tad-Dwana.

Il-jedd għall-assistenza legali ġie ntrodott bis-saħħa tal-Att III tal-2002 li ntroduċa l-Artikolu 355AT. Kien eventwalment bis-saħħa tal-Att LI tal-2016 li ġie ntrodott fil-Kodiċi Kriminali d-dritt għall-assistenza legali kif maħsub fid-direttiva 2013/48/EU. Dawn l-emendi daħlu fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016 permezz tal-Avviż Legali 401/2016. Għalhekk, illum il-ġurnata l-artikolu 355AT tal-Kap. 9 jistipula, *inter alia*, li l-persuna suspettata jew arrestata għandu jkollha '*dritt ta' aċċess għal avukat*' u allura dan ifisser li llum, il-persuna suspettata jew

arrestata għandha d-dritt għal avukat f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-Pulizija. Fl-istess waqt dan ifisser ukoll illi fil-każ tar-rikorrenti, fiż-żmien inkriminat, il-liġi kienet tipprekludi l-jedd għall-assistenza legali fl-istadju tal-investigazzjoni (*pre-trial proceedings*).

Il-ġurisprudenza tal-Qrati ta' Malta u tal-Qorti Ewropea rigward id-dritt għall-assistenza legali fl-istadju bikri tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija u ċioè fil-*pre-trial stage* hija vasta u wieħed jista' jgħid ukoll xi ftit jew wisq konfliġġenti fid-dawl tal-fatt illi l-posizzjoni li ħadet il-Qorti Ewropea dwar dan is-suġġett inbidlet tul is-snin.

Fil-kawża fl-ismijiet Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali, tal-31 ta' Mejju 2019 il-Qorti Kostituzzjonali sabet li r-rikorrent ma kien sofra l-ebda ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Wara li għamlet referenza għall-każ ċelebri ta' Beuze vs Belgium (QEDB 2018), il-Qorti Kostituzzjonali ikkonkludiet illi:

> *Effettivament, dan ifisser illi l-fatt waħdu li ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm ragunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex bizzejjed biex, ipso facto, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq: trid tqis il-process fit-totalità tiegħu ("having regard to the development of the proceedings as a whole").*
>
> *Il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta meta giet biex tinterpreta s-sentenza ta' Salduz kienet sa certu punt anticipat din il-precizazzjoni f'sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2012 in re Charles Steven Muscat v. Avukat Generali, meta osservat illi:*
>
> *»14. … … … Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara process fi zmien ragonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtiega g˙ħalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. … … …*
>
> *»15. Għalhekk, li trid tagħmel din il-qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex ħati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrieh*

*u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi lattur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur.«*

*Fi kliem ieħor, trid tqis il-process fit-totalità tiegħu ("having regard to the development of the proceedings as a whole") u mhux biss il-fatt waħdu illi l-persuna interrogata ma tħallietx tkellem avukat.*

*Din kienet il-posizzjoni li baqgħet tigi segwita minn din il-qorti sakemm ingħatat is-sentenza ta' Borg imsemmija mill-attur, li kienet sentenza tar-Raba' Sezzjoni tal-Qorti Ewropea. Dik is-sentenza tgħid illi l-fatt waħdu li l-ligi ma kinitx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt jew qabel l-interrogazzjoni kien bizzejjed biex jinsab ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni:*

…

*Fid-dawl ta' din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali, għalkemm baqgħet temmen illi l-interpretazzjoni ta' Salduz li kienet adottat fil-kaz ta' Muscat kienet dik korretta u ta' buon sens, għarfet illi wara s-sentenza ta' Borg dik il-posizzjoni ma baqgħetx tenibbli u għalhekk bidlet il-posizzjoni tagħha. Hekk, fil-kaz ta' Malcolm Said v. L-Avukat Generali il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:*

*»17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi linterpretazzjoni minnha mogħtija fil-kaz ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbuzi min-naħa talprosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkuzata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-process kriminali jkun intemm ˙ – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.*

*»18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-kaz ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.«*

*Ir-raguni izda fl-aħħar mill-aħħar tegħleb. Fid-dawl tal-inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea fl-interpretazzjoni tal-jedd għall-għajnuna ta' avukat fil-kuntest tal-jedd għal smigħ xieraq, il-Qorti Ewropea kienet imsejħa, fil-kaz ta' Beuze v. il-Belgju, biex tippreciza aħjar x'inhi l-posizzjoni korretta. Tajjeb jingħad illi fil-kaz ta' Beuze, bħal fil-kaz tallum, il-ligi domestika fiz-zmien relevanti ma kienitx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u ma kien hemm ebda raguni impellenti għala ma tħallietx tingħata l-għajnuna ta' avukat. Fis-sentenza mogħtija mis-Sezzjonijiet Magħquda fid-9 ta' Novembru 2018 il-qorti qalet hekk:*

…

*»150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, ... § 274, and Simeonovi, ... § 120):»*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.«*

*Din hija interpretazzjoni li hija eqreb mal-posizzjoni li kienet ħadet din il-qorti qabel is-sentenza ta' Borg milli mal-interpretazzjoni mogħtija mir-Raba' Sezzjoni f'Borg u effettivament tfisser li kellha raguni il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-posizzjoni li kienet ħadet fil-kaz ta' Muscat u fis-sentenzi li segwew, qabel ma kienet kostretta tbiddel dik l-interpretazzjoni fid-dawl ta' Borg.*

*Uħud mill-imħallfin membri tal-qorti li tat is-sentenza ta' Beuze, f'opinjoni għalihom, ikkritikaw is-sentenza fejn qalet illi, f'kull kaz, trid tqis il-process fit-totalità tiegħu u mhux biss in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, għax dehrilhom illi,*

*izjed milli precizazzjoni tal-interpretazzjoni ta' Salduz fid-dawl ta' Ibrahim, is-sentenza ta' Beuze hija kapovolgiment ta' dik il-gurisprudenza. Hu x'inhu, hijiex precizazzjoni, elaborazzjoni, evoluzzjoni jew kapovolgiment, din hija sa issa l-aħħar kelma, u tagħti ragun lill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-gurisprudenza li segwiet is-sentenza ta' Muscat.*

*Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-ligi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħazin u huwa miċħud."*

Dan il-prinċipju huwa dak segwit fl-aktar ġurisprudenza riċenti kemm tal-Qrati Kostituzzjonali kif ukoll tal-Qorti Ewropea. Kif proprju intqal fil-każ ta' Charles Kenneth Stephens v Malta, tal-14 ta' Jannar 2020:

"*72. Particularly relevant to the present case, the Court observes that in the recent Beuze judgment, the Grand Chamber departed from the approach taken in previous cases that systematic restrictions on the right of access to a lawyer led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009, Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010, and Borg, cited above, § 62). In Beuze, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, isegwi li l-argument tar-rikorrent li hemm ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq b'mod awtomatiku għaliex irrilaxxja dikjarazzjonijiet mingħajr ma kellu dritt għall-assistenza ta' avukat, huwa wieħed żbaljat.

Kif sewwa jissottometti l-Avukat tal-Istat, mhuwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u *ipso facto*, għall-ksur tal-jedd għall-smigħ xieraq.

Ir-rikorrenti jilmenta ulterjorment mill-fatt illi d-dikjarazzjonijiet minnu rilaxxjati mingħajr l-assistenza tal-avukat tiegħu intużaw waqt li hu kien qiegħed jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Jgħid ukoll illi l-użu ta' tali dikjarazzjonijiet tappan u kkondizzjona l-bqija tal-proċeduri.

Għal dak illi jirrigwarda l-valur probatorju u l-ammissibliltà tal-istqarrija u/jew id-dikjarazzjonijiet rilaxxjati mill-imputat li ma jkunx ġie konċess il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu, il-Qorti studjat bir-reqqa is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali deċiża fit-12 t'April 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jean Marc Portanier** liema sentenza tiġbor fiha rassenja eżawrjenti u studjata tal-każistika l-aktar rilevanti, każistika li *del resto* anki l-partijiet jagħmlu referenza għaliha fin-noti rispettivi tagħhom. F'din is-sentenza l-Qorti osservat illi meta rrilaxxja l-istarrija tiegħu l-imputat għamel dikjarazzjonijiet li setgħu ikunu ta' preġudizzju għalih u għalhekk ikkonkludiet illi sabiex jiġi evitat kull riskju ta' ksur ta drittijiet fundamentali tal-imputat, il-Qorti kella tiskarta l-istqarrija kif ukoll ix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija li jagħmel referenza għal dikjarazzjonijiet li l-imputat seta' għamel qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu.

Fil-każ ta' llum jirriżulta li l-imputat, illum rikorrenti, għażel minn jeddu li jieħu l-pedana tax-xhieda u fil-kors tax-xhieda tiegħu ċaħad li kien ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti għaliex qal li kien qiegħed jaġixxi fuq struzzjonijiet ta' terz. Inoltre, l-imputat xehed li d-dikjarazzjoni ma kienitx veritjiera għar-raġuni li beża li jekk jiddikjara verament fiex kienet tikkonsisti l-merkanzija din setgħet tinsteraq mill-uffiċjali tad-Dwana f'Malta. Mill-motivazzjonijiet illi tat l-Ewwel Qorti u aktar u aktar minn dawk mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali jidher evidenti li kemm l-Ewwel kif ukoll it-Tieni Qorti għażlu li jiskartaw il-verżjoni mogħtija mill-imputat għaliex abbażi ta' provi ulterjuri li l-Prosekuzzjoni ressqet quddiemhom, il-Qrati raw li l-verità kienet ferm differenti minn dik kif deskritta mill-imputat. Din il-Qorti m'għandiex dubju illi d-dikjarazzjonijiet li seta' rrilaxxja l-

imputat mingħajr assistenza legali ma kellhom ebda mpatt fis-sejbien ta' ħtija għaliex il-Qrati li sabu ħtija fl-imputat kienu konfortati minn provi aktar attendibbli li żvelaw sewwa sew il-fatti tal-każ u l-ħtija fl-imputat għal dak illi jirrigwarda ksur ta' liġijiet doganali u ta' taxxa.  Il-Qorti tqis ukoll illi ġa la darba r-rikorrenti għażel illi jixhed fil-kors ta' dawk il-proċeduri huwa kellu l-jedd li jikkonferma, jirretratta jew addirittura jamplifika fuq id-dikjarazzjonijiet minnu rilaxxjati.  Bil-fatt li r-rikorrenti xehed fil-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, il-Qorti kellha opportunita' aħjar li tagħmel eżerċizzju komparattiv bejn dawk id-dikjarazzjonijiet minnu rilaxxjati *a tempo vergine* u dak illi xehed fil-kors tal-proċeduri biex b'hekk tagħraf tgħarbel liema verżjoni kellha l-aktar mis-sewwa.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-imputat kien debitament assistit matul il-proċess penali kollu b'tant illi kellu l-opportunità li jressaq id-difiża tiegħu u li jirribatti l-provi li l-Prosekuzzjoni ressqet kontra tiegħu.  Il-Qorti tqis għalhekk illi anki jekk huwa minnu li l-attur ma kienx legalment assistit fil-mument meta rrilaxxja d-dikjarazzjonijiet tiegħu, l-assitenza li rċieva wara kienet sufficjenti sabiex jiddefendi ruħu adegwatament.  Fuq kollox, il-fatt li l-attur għażel li jixhed f'dawk il-proċeduri hija prova oħra li l-attur kellu kull opportunità li jfisser aħjar jew addirittura li jirretratta dawk id-dikjarazzjonijiet li rrilaxxja fl-istadju bikri tal-proċeduri kontra tiegħu.  Eżaminati l-atti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ il-Qorti ma tarax li seħħet leżjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif imħarsa bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Ir-rikorrenti jilmenta wkoll minn leżjoni tad-dritt tiegħu kif imħares permezz tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni liema disposizzjonijiet jittrattaw il-protezzjoni minn piena jew trattament inuman jew degradanti.  Waqt illi r-rikorrenti qanqal dan l-ilment fir-rikors promotur, huwa naqas milli jittratta dan l-ilment fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.  Il-Qorti tifhem illi dan l-ilment jirreferi għall-piena ta' multa kif erogata mill-Qorti tal-Appell Kriminali.  Għalkemm ir-rikorrenti jilmenta li l-Qorti kellha tagħmel apprezzament aħjar tal-provi qabel tasal għad-determinazzjoni tal-multa, fl-istess waqt jirrikonoxxi li l-piena mposta hija fil-parametri tal-liġi.

Fil-Guide on Article 3 of the European Convention on Human Rights – Prohibition of Torture (l-ewwel edizzjoni – 31 ta' Awwissu 2022) jinsab imfisser illi l-iskop tal-Artikolu 3 huwa dak li tiġi offruta garanzija kontra trattament inuman, maħsub li jkun degradanti għall-persuna li tiġi assoġġettata għal dak it-trattament. Ma jidhirx għalhekk illi din id-disposizzjoni tista' ssib applikazzjoni f'każ fejn sempliċement ir-rikorrenti ma jaqbilx mal-piena erogata.

Ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehma li l-kwistjoni tal-piena diġa ġiet debitament trattata mill-Qorti tal-Appell Kriminali wara li l-imputat appella u ressaq aggarvji għar-rigward il-piena, liema aggravji huma identiċi għall-ilmenti li llum ressaq quddiem din il-Qorti. Kif diġa ingħad, żgur illi mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti kif adita illi sservi ta' qorti ta' reviżjoni.

Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma ssibx li seħħet leżjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha kif sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat;

2. Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG